**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Nru. 980/15/2 RGM**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 980/15JRM fl-ismijiet**

**John u Edith konjugi Ellul Sullivan**

**vs.**

**Martan Limited (C 6551) u Raymond u Patricia konjugi Desira ghal kull interess illi jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ta' John u Edith konjuġi Ellul Sullivan,** li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi permezz tad-digriet minnha moghti fis-27 ta' Lulju, 2015 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba quddiemha mressqa mill-esponenti sabiex jinzammu l-intimati milli 'jkomplu joperaw u jiggestixxu l-fond maghruf bhala '*Club Aria' u/jew 'The Dome' (precedentement maghruf ukoll bhala 'Liquid, 'Vibes' u 'Wall Street') illi jinsab fi Triq Hal Gharghur, San Gwann, b'mod abuziv u b'tali mod illi jdejjaq lill-esponenti, jikkawzalhom inkonvenjent serju u jostakolhom mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghhom illi tinsab propju adjacenti ghall-fond in kwistjoni*.

2. Illi l-Mandat gie segwit b'kawza (Rik. Gur. 777/15MC) skond il-ligi liema kawza tinsab appuntata ghal-24 ta' Novembru 2015 (9am) quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi minkejja l-ordni moghtija minn din l-istess Onorabbli Qorti bid-digriet tas-27 ta' Lulju, 2015 l-intimati komplew ghaddejjin bl-attivita` taghhom bl-istess mod u manjiera illi kien wassal sabiex tigi ntavolata mill-esponenti t-talba su-riferita. Dan jirrizulta b'mod mill-aktar car mir-rapport redatt mill-Inginier A.R. Scicluna u datat il-31 ta' Awwissu 2015, fejn gie osservat '*the levels from the records attached well exceed the tolerance mentioned in the earlier reports*' (kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. AR**). Issir hawnhekk referenza proprju ghar-rapport precedetement redatt mill-istess Inginier u datat l-14 ta' Mejju 2015 (li jinsab ezebit fl-atti tal-Mandat u li kopja tieghu qeghda tigi wkoll hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. AR1**).

4. Illi mir-rapporti su-citati u partikolarment mill-fatt illi l-livelli tal-istorbju illi taghhom ittiehed rendikont huma tal-istess intensita`, jirrizulta ampjament u minghajr l-ebda dubju illi l-ordni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif hawn

premess giet injorata bl-aktar mod assolut mill-intimati – agir illi jikkostitwixxi sfida u disprezz lejn l-Awtorita` ta' din l-istess Qorti.

**Ghaldaqstant,** l-esponenti filwaqt illi jirrizervaw id-drittijiet kollha taghhom fir-rigward tal-agir abuziv daparti tal-intimati, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex (1) tordna l-ftuh tal-proceduri opportuni fil-konfront tal-intimati jew min minnhom ghad-disprezz lejn l-Awtorita` taghha, u (2) taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat **ir-risposta ta' Martan Limited u Raymond u Patricia konjuġi Desira** fejn jingħad kif ġej:

Illi s-socjeta` intimata, kif ukoll l-intimati personalment, mhumiex il-legittimi kontraditturi tar-rikorrenti u dan kif kien ben eccepit u dikjarat fir-risposta ghall-mandat ta' inibizzjoni numru 980/2015 u kif kien ben irrizulta u konstatat waqt it-trattazzjoni tal-istess. Illi *del resto* l-atturi certament jafu illi l-intimati esponenti mhumiex il-persuni u/jew socjeta` li jiggestixxu l-istabilimenti li allegatament jistghu qed jikkawzaw l-inkonvenjent.

1. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad illi ma hemm ebda molestja fil-proprjeta` tal-atturi kkawzata direttament jew indirettament mill-intimati.

2. Illi *nonostante* illi l-intimati gabu a formali konjizzjoni tal-atturi illi huma mhumiex il-persuni li qeghdin presentement jiggestixxu l-istabbiliment "*The Dome*" l-atturi xorta wahda mhux biss fethu kawza opportuna izda jinstabu jippresentaw rikors ghal disprezz fl-atti tal-mandat meta certament jafu li l-intimati mhumiex il-persuni responsabbli u li jistghu jirrispondu fuq l-allegazzjonijiet in mertu.

3. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, dawn il-proceduri huma intempestivi *stante* illi l-intimati mhux biss oggezzjonaw u irrespingew l-pretenzjonijiet tal-atturi izda pprezentaw rapport u provi in mertu li juru li r-rapporti, esebiti mill-atturi, huma

teknikament invalidi u mhux attendibbli. Illi *di piu`* huma intempestivi ghaliex ma jinstabux jaghtu opportunita` lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tappunta espert tekniku taghha li jista' jirrelata fuq il-mertu.

4. Illi t-talbiet odjerni sabiex jinfethu proceduri ghal disprezz kontra l-esponenti huma malizjuzi u irregolari stante li ghadu certament mhux stabilit il-provenjenza vera, s-sors, l-entita` u l-korrettezza tal-mizuri teknici fir-rigward.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jinghad ulterjorment illi r-rapporti esebiti mill-atturi u markata bhala Dok AR u AR1 huma ibbazati fuq apparat mhux kalibrat. Bizzejjed issir riferenza ghal dak dikjarat fl-istess rapport, fejn hemm imnizzel "*Recalibration due* – 4/30/2010". Certament illi mhux accettabbli li l-atturi jippresentaw rapport, li jippretendu ghandu jintuza sabiex din l-Onorabbli Qorti tista' tistrieh fuqu, li gie ibbazat fuq apparat li kellu jkun re-calibrated ben 5 snin ilu. Dan kien gie sottolineat fl-istadju tal-"Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferit u *cioe`* nonostante l-istess Espert, ex parte, rega' uza l-istess apparat minghajr ma ndenja ruhu jikkalibrah meta jaf jew missu kien infurmat mill-istess atturi li l-intimati qajmu tali osservazzjoni u oggezzjoni. Kull qari mittiehed minn apparat mhux ikkalibrat huwa necessarjament fallaci u ghahekk invalid u inamissibbli.

6. Isegwi illi t-talbiet odjerni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-atturi.

7. Illi mid-**dokument mmarkat CC 1** li huwa rapport tal-**espert akustiku Christian Calleja** jirrizulta kemm verament il-qari mittiehed fir-rapporti AR u AR1, li fuqu hija bbazata din il-procedura huma infondati u skoretti u ma jistghu qatt jservu bhala prova teknika valida fil-ligi u wisq aktar bhala wahda li fuqha jintalab disprezz u ksur tal-mandat ta' inibizzjoni numru 980/15/JRM (**Esebit Dok MB 1**).

8. Fil-fatt il-Qorti li laqghet il-mandat ghamlitu taht certi kundizzjonijiet. Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta irriteniet hekk; "Tqis ukoll li huwa mghoti li l-Qorti bil-ligi tohrog mandate that certi kundizzjonijiet. F'dan il-kaz, u kif issemma aktar qabel, l-intimati mhumiex qeghdin jitwaqqfu milli jinqdew bil-

licenzja fis-sehh kemm il-darba jsibu mezz kif il-muzika li tindaqq fl-imsemmi stabiliment ma tkunx tinstema' mill-post tar-rikorrenti.

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess hemm ukoll fattur iehor li jwassal ghal nuqqas ta' bazi legali ghal tali procedura. Fil-fatt kif jafu ben tajjeb l-atturi, fl-inhawi joperaw stabilimenti ohra li jistghu jkunu l-kawza prossima tal-oggezzjonijiet tal-atturi. Illi, f'dan ir-rigward, l-esponenti jhossu li ghandhom igibu ghall-attenzjonital-Qorti illi fil-fatt, fl-14 ta' Awwissu 2015, l-istabiliment "The Dome" inghalaq fl-10.30pm u ghalhekk ma seta' qatt jkun l-awtur tal-allegat inkonvenjent. Madankollu jekk wiehed ihares lejn ir-rapport tal-espert tal-atturi isib li hemm ukoll storbju qawwi. Dawn il-hsejjes, x'aktarx li kienu ggenerati mill-avveniment mill-MFCC fejn kien ghaddej avveniment kbir. L-esponenti ma ghandhomx u ma jistghux ghalhekk jirrispondu ghall-agir ta' terzi, semplicement ghaliex l-atturi ghandhom mandat t'inibizzjoni fil-konfront taghhom.

10. Salv kontestazzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tar-rikors;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fid-19 ta' Lulju 2019, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ppreżentata fis-26 ta' Settembru 2019;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment finali;.

Ikkunsidrat;

**Mertu tar-Rikors**.

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tordna lir-Reġistrtur tal-Qorti jipproċedi kontra s-soċjetà intimata Martan Limited kif ukoll kontra l-intimati Raymond u Patricia konjuġi Desira ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti fuq l-allegazzjoni li dawn ta' l-aħħar qegħdin jiksru

l-ordni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta permezz tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi numru 980/2015JRM.

Fis-17 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrenti ppreżentaw Mandat ta' Inibizzjoni fejn permezz tiegħu talbu lill-Qorti "iżomm l-intimat milli jkomplu joperaw u jiġġestixxu l-fond maghruf bhala 'Club Aria' u/jew 'The Dome' (precedentement maghruf ukoll bhala 'Liquid', 'Vibes' u 'Wall Street') illi jinsab fi Triq Hal Gharghur, San Gwann, b'mod abbużiv u b'tali mod illi jdejjaq lill-esponenti, jikkawżawlhom inkonvenjent serju u jostakolahom mit-tgawdija paċifika tal-proprejta' taghhom illi tinsab proprju adjacenti ghall-fond in kwistjoni".

Fid-digriet tagħha tas-27 ta' Lulju 2015 din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta għamlet, fost l-oħrajn, is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> Tqis li l-intimati ma jmerux l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fl-istabiliment tabilħaqq isiru attivitajiet u festini li matulhom tindaqq il-mużika. Kemm hu hekk, fi studju ta' ħsejjes li sar fl-istess stabiliment ftit ġimgħat ilu fuq ilmenti ta' ħaddieħor li joqgħod ftit 'il bogħod, ħareġ ċar li d-daqq ta' mużika matul is-sigħat bikrin tal-lejl huwa ħaġa li tiġri regolarment;
>
> Tqis li r-rikorrenti ma humiex qegħdin jitolbu li l-intimati jtemmu kull attivita' fl-istabiliment li huma għandhom il-liċenza għaliha, imma biss li ma tindaqqx mużika f'ħinijiet partikolari b'mod li tkun tinstema' minn darhom;
>
> [...]
>
> Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li r-rikorrenti jgawdu huwa dak li ma jkunux esposti fis-satra ta' darhom għal livelli ta' ħoss jew storbju li huwa ta' inkonvenjent jew ogħla mil-limiti suġġeriti mill-awtoritajiet sanitarji bħala limiti li, lil hinn minnhom, tista' ssir ħsara f'saħħet il-bniedem, u dan b'mod partikolari f'ħinijiet ta' mistrieħ [Ara P.A. AJM **19.9.2008** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Mary Ann Spiteri vs Rev. Arċipriet Joe Grech*** (Inib. 1328/08)];

Tqis li l-liġi nnifisha ma tħallix li tindaqq mużika fi stabiliment kummerċjali liċenzjat għad-daqq ta' mużika amplifikata b'tali mod li tinstema' minn barra f'kull żona (ħlief f'Buġibba, l-Qawra u Paċeville) wara l-ħdax ta' filgħaxija [Reg. 38(2)(ċ) tal-A.L. 1 tal-2006 (L.S. 441.07)]. Bl-istess mod, il-liġi tipprovdi wkoll li t-tħaddim jew tmexxija ta' post kummerċjali liċenzjat biex jiftaħ bejn is-siegħa u l-erbgħa ta' filgħodu "ma għandux matul dawk is-sigħat joħloq fastidju jew inkonvenjenza lill-viċini b'xi xorta ta' ħoss li jinstema' minn barra l-post jew b'xi mezz magħmul minn ġewwa jew minn barra tal-post" [Reg. 38(2)(d) tal-A.L. 1 tal-2006];

[...]

Tqis ukoll li huwa mogħti li l-Qorti bil-liġi toħroġ Mandat taħt ċerti kundizzjonijiet [Ara P.A. NA **29.2.1996** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Leonard Attard vs John Camilleri et noe*** (Inib. 4049/95)]. F'dan il-każ, u kif issemma aktar qabel, l-intimati ma humiex qegħdin jitwaqqfu milli jinqdew bil-liċenza fis-seħħ jekk kemm-il darba jsibu mezz kif il-mużika li tindaqq fl-imsemmi stabiliment ma tkunx tinstema' mill-post tar-rikorrenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub billi ntwera li jeżistu l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu."

Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qegħdin jallegaw illi s-soċjetà intimata kif ukoll l-intimati Desira kisru l-ordni tal-Qorti fuq ċitata stante li komplew jikkawżawlhom inkonvenjent serju u jostakolahom mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom u dan għaliex l-istorbju li kienu jisimgħu minn darhom qabel ingħata d-digriet tas-27 ta' Lulju 2015 kien għadu jinstema' anke wara l-għoti tal-ordni. Ir-rikorrenti għalhekk jisħqu li l-ordni mogħtija mill-Qorti mhux qiegħda tiġi mħarsa, b'disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u għalhekk jitolbu li jiġu istitwiti l-proċeduri ġudizzjarji ai termini tal-Artikolu 1003A tal-Kap. 12..

Min-naħa l-oħra, l-intimati, apparti li jerġgħu jissollevaw l-eċċezzjoni li huma m'humiex leġittimi kontradetturi, jinsistu li l-apparat użat mill-Inġinier inkarigat mir-rikorrenti

sabiex jiġbor informazzjoni dwar il-livell tal-istorbju m'huwiex ikkalebrat u għalhekk ir-riżultati minnu miġbura huma invalidi. Di piu, l-intimati jressqu l-argument li fl-inħawi hemm stabbilimenti oħra li jistgħu qegħdin jikkawża inkonvenjent lir-rikorrenti u għalhekk huma m'għandhomx jirrispondu għall-aġir ta' terzi.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

L-eċċezzjoni mressqa mill-intimati li m'humiex il-leġittimi kontradditturi diġà ġiet sollevata u trattata fil-Mandat t'Inibizzjoni innifsu u l-Qorti fid-digriet tagħha kienet osservat li:

> Tqis li l-imsemmi stabiliment huwa liċenzat favur il-kumpannija intimata bħala diskoteka u "*nightclub*", bil-fakulta' li jniedi attivitajiet fil-beraħ u li tindaqq il-mużika sal-erbgħa ta' filgħodu, u dan taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra;
>
> Tqis li l-intimat huwa l-persuna li favur tiegħu sar it-trasferiment tal-liċenza għan-nom tal-kumpannija intimata;
>
> Tqis għalhekk li safejn l-intimati jridu li ma jitqisux bħala l-kontradditturi leġittimi tat-talba tar-rikorrenti, dik l-"eċċezzjoni" ma tidhirx mistħoqqa, u dan minbarra l-fatt li, normalment, "eċċezzjonijiet preliminari" ma jsibux posthom fi proċedura bħalma hija dik fejn jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak;

Fil-mori ta' dan ir-rikors ġiet ippreżentata kopja tal-liċenzja maħruġa mill-Awtorità tat-Turiżmu[1] fejn minnha jidher ċar li Raymond Desira huwa l-persuna liċenzjata. Minn dan l-istess dokument jirriżulta wkoll li l-liċenzja tal-pulizija saret minn Raymond Desira f'isem Martan Ltd. In oltre, waqt ix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Frar 2017, Raymond Desira

[1] Paġna 51 tal-proċess.

ikkonferma li huwa s-sid tal-post kif ukoll li l-liċenzja hija maħruġa fuqu.[2] Ta' min isemmi wkoll li fit-13 t'Ottubru 2015 sar verbal fejn "Dr. Brincat għas-soċjetà intimata jiddikjara illi l-propjetarju ta' Dome, Aria, Liquid, Stitch u Vibes huwa s-soċjetà Martan Limited"[3]. Dawn il-provi jikkonfermaw dak li intqal mill-Qorti fil-Mandat per se.

Pero' il-mertu tar-rikors in diżamina qed jitlob li jinbdew proċeduri għall-disprezz kontra l-intimati kollha, kemm kontra soċjeta' kummerċjali kif ukoll kontra persuni fiżiċi.

L-istitut ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti huwa "stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita' tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-Qorti mhix parti interssata f' dan il-gudizzju. L-imhallef ma' ghandu ebda interess personali fil-meritu tal-procediment. L-uniku interess tal-Qorti hu ta' l-Imhallef hu dak li jissussisti f' kull procediment, dak li ssir gustizzja skond il-ligi."[4] Huwa ovvju li kulħadd jifhem li biex jinżamm il-buon ordni fis-soċjetà ħadd ma jista' jmur kontra l-liġi. Ordni tal-Qorti għandu jkun obdut u se mai għandu jkun kontestat fi proceduri ad hoc; iżda ċertament tali ordni ma tistax tiġi injorata.[5]

L-**Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12** jipprovdi wieħed mir-rimedji sabiex issir kontestazzjoni meta hemm ksur ta' ordni:

> 1003A. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur.

Kif ben osservat minn din il-Qorti diversament preseduta fid-digriet tagħha tat-30 t'April 2019 fl-ismijiet **Sandro Chetcuti et vs. Catherine Borg et** (Rik Nru 308/2018/1 LSO) dak li "jinteressa lil din il-Qorti huwa jekk l-intimati agixxewx bi ksur tal-ordni taghha sabiex jigi applikat l-artiklu imsemmi. Jigi ribadit ukoll li l-process ghas-sejba ta' htija li

[2] Paġna 119 tal-proċess.
[3] Paġna 32 tal-proċess.
[4] **Il-Qorti vs. Antoine Camilleri** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru 1990 (Vol.LXXIV.III.546).
[5] Ara **Il-Qorti vs. George Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 Marzu 1988 (Vol.LXXXII.II.226).

ghandu jigi prosegwit mir-Registratur huwa ta' indoli penali tant li l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha. (Ara "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 ta' Ottubru 1997; u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri"** – LXXIV.iii.546)."

Tenut kont li r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jistitwixxi proċeduri ta' disprezz kontra s-socjeta' intimata kif ukoll kontra l-intimati Desira huwa neċessarju li jiġi eżaminat kontra min tali proċess jista' jiġi istitwit. Kif rajna proċess għall-disprezz fuq allegat ksur ta' ordni tal-Qorti jista' biss jinbeda kontra min tali ordni tkun ġiet maħruġa u mhux kontra terzi li fil-konfront tagħhom ma hemmx tali ordni. Iżda tenut kont li f'tali proċeduri għal dikjarzzjoni ta' disprezz ".... minbarra l-prova tax-xilja ta` disprezz minn min qieghed jixli, trid tingieb ukoll prova tal-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b`konsegwenza ta` hekk l-awtorita` taghha. Ghalhekk l-akkuza ta` disprezz iggib maghha l-htiega li ssir il-prova minn min qed iressaq l-akkuza li l-persuna akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita` taghha (**PA/RCP** – 12 ta` Dicembru 2001 – **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Mizzi"**). Il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b`mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz (**Vol.LXVII.II.7**)." (digriet fl-ismijiet **Giulia Curmi et vs. Giuseppe Schembri et** (Ċit Nru 642/2018 JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t'April 2016 ); huwa evidenti li tali proċeduri jistgħu jiġu istitwiti kontra persuni fiżiċi u mhux kontra persuna ġuridika. Il-proċess għas-sejba ta' ħtija li għandu jiġi mmexxi mir-Reġistratur huwa ta' indoli penali tant li l-piena tista' tammonta għal waħda ta' priġunerija. Qiegħed isir aċċenn għal dan il-fatt peress li din il-Qorti trid tqis jekk dawn il-proċeduri jistgħux jitressqu wkoll kontra s-soċjeta' intimata.

F'dan ir-rigward referenza ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 1991 fl-ismijiet **Catherine Portelli vs. Joseph Cachia et** fejn ġie osservat li "certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u [l-ligi] tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu inflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. **Dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali.** Il-fatt li l-istess procediment gie introdott bic-Citazzjoni ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn min-natura kriminali." [LXXV.ii.526]. Rilevanti s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Francis X. Aquilina vs. Giuseppe Debono et** tad-9 ta' Frar 1996, fejn il-qorti

kkonfermat li proċeduri ta' disprezz huma ta' natura penali. Żiedet li: "Issa huwa principju kardinali li ghandu jirrispondi biss ghal reat min ikun ikkommettieh. L-ulied ma jirrispondux ghar-reati ta' missierhom […] bil-mewt tal-konvenut Giuseppe Debono l-azzjoni odjerna giet perenta billi huwa wkoll principju kardinali li l-mejtin ma jigux kundannati f'din id-dinja, ghax lanqas hu possibbli." Fiċ-ċirkostanzi l-qorti l-liberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Skond l-**Artikolu 997 tal-Kapitolu 12**, fi proċedimenti li jsiru minħabba att jew ommissjoni li tkun tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, **"il-ħati"** jista' jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn €232.94 u mhux iktar minn €2,329.37. Skond l-**Artikolu 1002:**

> Meta l-ammenda jew il-multa ma titħallasx, l-ikkundannat jiskonta l-piena f'detenzjoni jew fi priġunerija bħal kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali.

Huwa evidenti miż-żewġ artikolu surreferiti li l-kundanna trid bilfors tkun personali. Fil-każ in eżami l-effett huwa ta' priġunerija jew multa li jekk ma titħallasx tikkonverti ruħha f'detenzjoni. Din il-Qorti tagħmel tagħha l-konsiderazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni **George Demanuele vs. Philip Azzopardi et nomine** tas-27 ta' Ġunju 1997:

> Huwa ovvju li persuna legali ma tistax tigi kkudannata ghall-piena ta' detenzjoni u ghalhekk is-sentenza kif moghtija hija nulla. Illi proprjament jidher li l-procedura ta l-attur appellat giet istitwita hazin minn punto di vista ta' dritt il-ghaliex ma messhiex giet istitwita kontra s-socjeta.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti qed tikkonkludi li l-proċedura ta' disprezz ma tistax tiġi istitwita fil-konfront tas-soċjetà intimata Martan Limited u dan għaliex ma jistgħux jitmexxew proċeduri ta' natura penali bħalma huma dawk ta' disprezz fil-konfront ta' persuni ġuridiċi.

Għaldaqstant l-eċċezzjoni li s-soċjeta' intimata ma hiex il-leġittimu kontradittur qed tiġi akkolta filwaqt li qed tiġi respinta fir-rigward tal-intimati Desira.

Jonqos għalhekk jiġi kkunsidrat jekk jirriżultax prima facie li l-ordni tal-Qorti fuq imsemmija ġietx miksura mill-intimati Desira.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' **John Ellul Sullivan** minnu mogħtija fit-13 t'Ottubru 2015, jirriżulta li l-problema tal-istorbju tipronunzja ruħha meta l-avvenimenti jkunu qegħdin isiru fin-naħa ta' barra tal-istabbiliment u dan għaliex xhed illi meta d-daqq ikun il-Vibes biss huwa ma jisma' xejn peress li din il-parti hija kompletament magħluqa.

Min-naħa tagħhom l-intimati sejħu bħala xhud lil Dominic Micallef, l-operatur tal-Aria Complex, li xhed illi qegħdin jagħmlu milli jistgħu sabiex inaqqsu l-inkonvenjent li qegħdin jilmentaw minnu r-rikorrenti. Il-problema tal-istorbju jidher li skalat fl-2012 meta kien hemm diversi ilmenti irraportati mill-ġirien fil-madwar. Kien għalhekk li f'dik is-sena tqabbad **Christian Calleja** bħala espert tal-akustika. Fix-xhieda tiegħu tal-5 t'April 2017, dan l-espert spjega li l-ewwel modifikazzjoni li għamlu kien fil-PA system u dan sar għal Mejju 2015 u peress li kien għadhom deħlin ħafna ilmenti huma għamlu irfinar fis-sistema. Apparti dan it-tibdil, ix-xhud jgħid li wara l-bidla fil-PA system sar modifikazzjoni fil-binja innifisha fejn ġew installati tined u sar installar ta' *absorbents jew diffusors* fil-ħitan (bħal *bamboo cladding*)[6].

Dawn it-tibdiliet ġew ikkonfermati minn **Dominic Micallef** li min-naħa tiegħu ppreżenta kronoloġija[7] ta f'liema sena saru t-tibdiliet u jirriżulta fost oħrajn li bejn 2014 u l-2015 ġiet installata sistema akustika ġdida u fl-2015 ġiet installata tinda; fl-2016 sar aġġornament fis-sistema akustika li kienet ġiet installata; fl-2016 ukoll il-kanvas ġie miksi b'PTFE *roof membrane*; u fl-2017 kien hemm aġġornament fis-*software* u *controllers*. Waqt il-kontro-eżami tat-18 ta' Jannar 2018 huwa żied ukoll li ġew installati b'mod permanenti pannelli tal-ħġieġ ta' tlett ċentimetri ħxuna n-naħa tar-residenzi tar-rikorrenti. Di piu, l-ispeakers ġew installati b'tali mod u manjiera li flok qegħdin kollha ħdejn xulxin dawn ġew mqassmin maż-żona kollha (u ċioe aktar ma tersaq 'il bogħod mill-istejġ anqas l-ammont ta' *speakers*). Dominic Micallef fix-xhieda tiegħu tat-22 ta'

[6] Kontro-eżami ta' Christian Calleja fit-3 ta' Lulju 2017.
[7] Paġna 173 tal-proċess.

Frar 2017 spjega li bħala prekawzjoni huwa kien naqqas l-ammont ta' nies li jkun hemm fl-avvenimenti miżmuma fl-istabbiliment operat minnu. Iżda waqt il-kontro-eżami kompla jispjega li peress li l-Mandat ingħata f'Lulju 2015 u dak huwa *peak season* għall-avveniment fejn kollox ikun diġà ġie bbukjat sax-xahar ta' Ottubru, huwa ma setgħa jagħmel xejn imma dak li setgħa jiskeda mill-ġdid huwa hekk għamel billi għamel uħud mill-attivitajiet f'postijiet oħra.

Jigi sottolineat li l-proċedura odjerna ma hiex l-azzjoni għal disprezz imma intiża sabiex jiġi stabbilit jekk jirriżultawx l-estremi fuq livell ta' *prima facie* sabiex il-Qorti tordna li jiġu istitwiti proċeduri ta' disprezz f'ġudizzju separat.

Neċessarju għalhekk li jiġi determinat jekk jirrżultax fuq livell ta' *prima facie* li kien hemm aġir bi ksur tal-ordni mogħtija mill-Qorti fis-**27 ta' Lulju 2015** fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni de quo. F'dan ir-rigward huma rilevanti ir-rapporti tal-esperti ppreżentati fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

L-ewwel rapport huwa dak tal-**Inġinier Alfred Scicluna** li ġie mħejji fl-14 ta' Mejju 2015 u li fuqu r-rikorrenti mexxew il-Mandat ta' Inibizzjoni. Minn dan ir-rapport irriżulta li l-livell tal-istorbju fid-9 u l-10 ta' Mejju 2015 kien ivarja bejn 62.9 dBA u 68.4 dBA[8]. L-istess Inġinier ipprepara rapport ieħor **f'Awissu tal-istess sena,** xahar wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, u dan sar sabiex jivverifikaw jekk il-livell tal-istorbju kienx naqas u irriżulta li **bejn is-7 t'Awwissu u l-15 t'Awwissu 2015** il-livell tal-istorbju kien għadu bejn **62 dBA u 68 dBA**[9]. Ġbir ieħor ta' data tal-livell ta' storbju saret għal darb'oħra mill-Inġinier Scicluna fit-**30 t'Ottubru 2015** bejn id-disgħa nieqes għoxrin ta' filgħaxija u l-ħamsa nieqes għoxrin tal-għada filgħodu fejn irriżulta li l-medja tal-istorbju kien ta **66.6 dBA[10].** F'dawn it-tlett istanzi hawn imsemmija l-apparat tqiegħed fuq il-veranda tal-proprjetà tar-rikorrenti żewġ metri 'l barra mill-ħajt tas-*sitting room* u li jinzerta taħt il-kamra tas-sodda prinċipali. Min-naħa tagħhom l-intimati ppreżentaw kummentarju mħejji fid-**9 t'Ottubru 2015** mill-**espert akustika Christian Calleja** fejn fih intwera li bejn id-9 ta' Mejju u 12 ta' Mejju 2015 il-livell medju tal-istorbju kien ta' 55 dBA[11] fejn

[8] Paġna 13 tal-proċess.
[9] Paġna 4 tal-proċess.
[10] Paġna 89 tal-proċess.
[11] Paġna 29 tal-proċess.

l-apparat tqiegħed fuq il-ħajt diviżorju. L-aħħar żewġ *readings* li ġew ippreżentati saru fuq ordni tal-Qorti fejn fil-**5 ta' Diċembru 2015** kemm Christian Calleja kif ukoll l-Inġinier Alfred Scicluna poġġew l-apparat tagħhom fuq in-naħa ta' barra tal-proprjetà tar-rikorrenti. Id-diskrepanza fir-riżultati hija waħda minima, fejn **Christian Calleja** jikkonkludi li l-livell medju tal-istorbju kien ta' **57 dBA**[12], u l-**Inġinier Scicluna** sab li l-livell medju dak il-lejl kien ta' **59.7 dBA**[13].

Għalkemm jidher li l-qari aħħari ta' Dicembru 2015 ta' 57 dBA / 59.7 dBA huwa ta' livell inferjuri għal dak li kien meta inħareġ il-mandat ta' inibizzjoni de quo f'Lulju 2015, xorta huwa wieħed għoli meta mqabbel ma' dak issuġġeriet fil-linja gwida tal-WHO ta' 40 dBA / 45 dBA f'żona residenzjali[14].

L-ordni tal-Qorti kellha tiġi osservata mill-intimati Desira b'effett immedjat u mhux b'mod gradwali. L-intimati Desira kienu jafu bl-ordni tal-Qorti u cionostante jirriżulta *prima facie* li l-istorbju b'inkonvenjen kbir għar-rikorrenti kompla. Sabiex jevitaw li jesponu ruħhom għall-azzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kellhom jieqfu joperaw l-ambjenti imsemmija sakemm jagħmlu r-rimedji neċessarji sabiex jitnaqqas il-livell tal-ħoss għal wieħed tollerabbli kif indikat mill-Qorti fid-digriet imsemmi. Għażlu li ma jieħdux din it-triq nonostante li *prima facie* kienu konsapevoli li l-kontinwazzjoni tal-operat kien ser jikser l-ordni tal-Qorti.

In tema legali ssir referenza għad-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' April 2019 fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament fl-ismijiet **Sandro Chetcuti et vs Catherine Borg**:

---

[12] Paġna 103 tal-proċess.
[13] Paġna 130 tal-proċess.
[14] Night Noise Guidelines for Europe:
http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0017/43316/E92845.pdf paġna 119.

Illi jigi precizat li l-kostatazzjonijiet taghha huma biss konstatazzjoni prima facie u ma jimportawx gudizzju finali liema gudizzju jispetta lill-Qorti adita bil-proceduri introdotti mir-Registratur.

Una volta ġie stabbilit li *prima facie* jirriżulta ksur tal-ordni tal-Qorti tas-27 ta' Lulju 2015 li permezz tagħha ordnat lill-intimati sabiex jieqfu milli jkomplu joperaw u jiġġestixxu l-fondi imsemmija fil-mandat ta' inibizzjoni 'b'mod abbużiv u b'tali mod illi jdejjaq lill-esponenti, jikkawżalhom inkonvenjent serju u jostakolhom mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta' taghhom li tinsab proprju adjacenti ghall-fond in kwistjoni.'; isegwi illi jirriżultaw l-estremi sabiex il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili jistitwixxi kontra l-intimati Desira proċeduri għad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti bi ksur tal-ordni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Lulju 2015 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' John u Edith Ellul Sullivan u l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati billi,

1. Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari li s-soċjeta' intimata ma hiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju filwaqt li tiċħadha in kwantu referibbli għall-intimati Desira.;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra.;

3. Tilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u a tenur tal-Artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili jistitwixxi kontra l-intimati Desira proċeduri għad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti bi ksur tal-ordni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Lulju 2015 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi.

4. Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati Desira.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**